MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Numru. 143/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Victor Aquilina**

**vs**

**Caroline Thabet**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Caroline Thabet ta’ 31 sena bint Leonard Falzon u Bernardette nee’ Caruana, imwielda Attard fl-4 ta’ Ottubru 1979 u residenti 9, Twilight, Flat 3, Triq id-Disgha u Ghoxrin ta’ Mejju 1592, Tarxien u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 461479 (M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fl-1 ta’ Dicembru 2009, f’xi hin bejn is-saghtejn u nofs ta’ wara nofs in-nhar u t-tlieta u nofs ta’ wara nofs in-nhar, fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, limiti Gudja ikkommettiet serq ta’ mobile phone tal-marka Nokia E 71 ghad-detriment ta’ Henry Miceli liema reat ta’ serq huwa aggravat bil-valur li ma jaccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u bil-persuna.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’Malta xjentement laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’ kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli saret taf li xi haga li kienet fil-pussess taghha kienet haga misruqa jew haga mehudha b’qerq jew akkwistata b’reat, naqset li tgharraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienet hekk saret taf.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta’ Jannar 2011 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 2011 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw serq jew alternattivament ricettazzjoni ta’ mobile phone tal-marka

Nokia E71 liema serq allegatament sehh fl-1 ta' Dicembru 2009 bejn is-2.30pm u t-3.30pm mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ghad-detrimient ta' Henry Miceli. Dan tal-ahhar kien ser jsiefer fl-1 ta' Dicembru 2009 u waqt li kien qieghed gewwa d-Departures lounge tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta mar jixtri minn gewwa l-Agenda Bookshop li jinstab fl-istess bini tal-ajruport. Waqt li kien qieghed ihallas halla l-mobile warajh hdejn il-cash register u nduna li kien hallih warajh meta kien qieghed fuq l-ajruplan u ghalhekk malli wasal Ruma ghamel telefonata lil-Lost and Found gewwa l-ajruport ta' Malta fejn gie nfurmat li l-mobile kien qieghed ghandhom. Fil-21 ta' Dicembru certu Dorothy Scicluna li kienet qed takkompanjah barra minn Malta rceviet telefonata minn fuq il-mobile phone ta' Miceli fuq il-mobile phone taghha fejn persuna b'lehen ta' mara staqsitha meta sid il-mobile kien gej ghalih. Dorothy Scicluna qalet fil-fatt li dan il-lehen ta' mara li wara rrizulta kien tal-imputata kienet qaltilha x'jisimha pero' minhabba l-istorbju hija ma setghatx tisma' sew dak li kienet qeghda tghidilha. Meta wasal lura Malta Henry Miceli mar jigbor il-mobile phone minghand il-Lost and Found fl-Ajruport izda rrizulta li dak il-mobile phone li kien instab ghandhom ma kienx tieghu u wara li ghamel rapport lil Pulizija huwa mar ghand is-service provider tieghu u cioe ghand il-kumpanija Melita plc fejn talabhom stima tal-mobile minhabba ragunijiet ta' insurance u gie nfurmat li l-mobile tieghu kien ghadu attivat u qed jintuza u huwa ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa tal-ajruport f'dan is-sens. Wara indagni li ghamlu l-Pulizija rrizulta li fil-fatt il-mobile phone in dizamina kien qed jaghmel uzu minnu certu Timothy Falzon u wara li dan gie mitkellem mill-Pulizija qallhom li l-mobile gie mghoddi lilu minn ohtu Caroline Thabet. Meta l-Pulizija kelmu lill-imputata Caroline Thabet din qaltilhom li fil-fatt dak il-mobile kienet sabitu gewwa l-hanut fejn kienet tahdem minhabba li klijent li kien gie jixtri ghandhom hallih warajh. Illi hija kompliet tghid li zammitu mixghul sabiex forsi xi hadd jaghmel kuntatt maghha fuq il-mobile izda hadd ma cempel. Hija qalet li kienet sabet l-ahhar numru li kien intuza minn fuq il-mobile phone u cemplet fuqu fejn rrispondiet mara u din qaltilha li sid il-mobile phone kien ghadu msiefer u hija min-naha taghha kienet qaltilha

x'jisimiha u fejn tahdem. Wara li ghadda ftit taz-zmien u l-imputata rat li hadd ma gie ghall-mobile hija tatu lil huha li fil-fatt kien biddel is-sim card u dahhal wahda registrata fuq ismu.

L-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur Jason Agius (a fol 13) xehed u qal li certu Henry Miceli fit-8 ta' Jannar 2010 kien ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija gewwa l-Ajruport Internazzjonali li kien tilef il-mobile tieghu fl-1 ta' Dicembru 2009. Dan il-mobile tal-ghamla Nokia E71 kien xtrah ghal valur ta' tlett mija u hamsin Euro (350 Euro).

Meta xehed Henry Miceli waqt l-udjenza tal-24 ta' Marzu 2011 huwa qal li fl-1 ta' Dicembru 2009 kien ser isiefer u waqt li kien gewwa l-ajruport u tela' fuq l-ajruplan induna li ma kellux il-mobile fuqu. Malli wasal fid-destinazzjoni tieghu ghamel telefonata gewwa l-MIA fejn qalilhom li kien tilef il-mobile tieghu fejn gie infurmat li fil-fatt kienu sabu l-mobile. Huwa zied jghid li fil-fatt fil-21 ta' Dicembru 2009 Dorothy Scicluna li kienet mieghu barra minn Malta irceviet telefonata fuq il-mobile taghha fejn il-persuna li kelmitha li kienet mara staqsitha meta kienu gejjin ghal mobile. Huwa kompla jghid li fil-fatt min cempel kien ta ismu izda minhabba li kien hemm hafna storbju Dorothy Scicluna ma fhiemitx l-isem ta' min cempel. Meta wasal lura Malta Miceli jghid li mar fid-Dipartiment tas-Security tal-MIA izda l-mobile phone li gie muri ma kienx tieghu. Huwa mar fil-postijiet fejn ftakar li kien dahal fid-departures lounge pero baqa' ma sabx il-mobile phone. Henry Miceli jghid li meta mar jitlob stima lil Melita ghal skopijiet ta' insurance gie infurmat li fil-fatt il-mobile tieghu kienu ghadu jintuza u minhabba f'hekk huwa mar jaghmel rapport mal-Pulizija. Huwa zied jghid in kontro-ezami (a fol 22) li min kien cempel fuq in-numru ta' Dorothy Scicluna kien uza l-istess linja tieghu u skond hu kien prova jirrintraccjah.

F'dawn il-proceduri xehed Anthony Bonnici (a fol 51) fejn qal li jahdem mal-kumpanija Mobile Communications Ltd maghrufa bhala Go Mobile. Huwa gharaf dokument (Dok AD3) li hija korrispondenza li l-kumpanija baghtet lil

Pulizija fejn infurmathom li l-mobile in kwistjoni kien intuza minn zewg numri. Il-bicca l-kbira kienu intuzaw minn numru 7906 7290 li kien registrat fuq Timothy Falzon waqt li n-numru l-iehor ma kienx registrat. Xehdet ukoll Dr. Gertrude Borg Micallef (a fol 55) li qalet li tahdem mal-kumpanija Melita plc bhala Legal Counsel. Hija konfermat id-dokumenti li gew esebiti Dok AD 1 u AD2 li hargu mill-kumpanija taghhom. Hija kkonfermat li l-informazzjoni li hemm fuqhom juru l-outgoing call profile tal-linja 77219342 liema linja kienet ghadha tintuza. Xehdet ukoll Dorothy Scicluna li qalet li fit-2 ta' Dicembru 2009 kienet siefret ma' Henry Miceli fejn dan kien induna li tilef il-mobile phone. Meta waslu Ruma kien prova jaghmel xi telefonati izda fil-21 ta' Dicembru 2009 hija irceviet telefonata fuq il-mobile taghha rigward il-mobile ta' Henry Miceli. Hija dahlet gewwa hanut minhabba li ma setghetx tisma' sewwa fejn min cemplilha qaltilha x'jisimha izda ma fhiemitx. Hija fehmet il-kelma MIA u qaltilha li kienu gejjin lura fit-2 ta' Jannar. Hija kkonfermat li fil-fatt kienet mara li kelmitha. Hija qalet li din kienet cemplet minn fuq l-ahhar numru li kien hemm fuq il-mobile li dik il-persuna kienet sabet. Fil-fatt dan in-numru li cemplet fuqu kien taghha u cioe' 9982 4964.

L-imputata Caroline Thabet ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri (a fol 87) fejn qalet li dak iz-zmien, u cioe' f'Dicembru 2009 kienet tahdem ma' Miller Distributors fl-outlet gewwa d-Departures Lounge tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. F'gurnata fix-xahar ta' Dicembru 2009 kien dahal klijent gewwa l-hanut sabiex jixtri u halla l-mobile tieghu fil-genb hdejn il-cash register. Hija ma nduntax mill-ewwel bih minhabba li kien hemm hafna nies izda meta ndunat zammitu ghandha ghal ftit taz-zmien halli tara jekk jigix xi hadd ghalih. Wara gimghatejn u wara li ma gie hadd ghal dan il-mobile phone li kien qieghed ghandha hija cemplet minn fuqu stess ghal fuq l-ahhar numru li kien intuza u kelmet mara. L-imputata qaltilha li sid il-mobile kien hallih il-hanut fejn tahdem hi u cioe' gewwa l-Agenda Bookshop u anki tatha isimha u fejn tahdem. Min-naha l-ohra l-mara li rrispondiet il-mobile qalet li sid il-mobile kien qieghed imsiefer. Hija ftakret li meta kienet qieghda titkellem maghha kien hemm hafna storbju. Hija kompliet zammitu ghandha ghaliex ma kienux

gew ghalih u meta waqghet il-battery tieghu tatu lil huha u qaltlu li kienet xtratu second hand. L-imputata kkonfermat dak li qalet lil Pulizija fl-istqarrija taghha u qalet ukoll li meta semmiet li tahdem gewwa l-MIA kienet anki spjegat li tahdem gewwa l-Agenda Bookshop u wiehed kien jinduna bil-hanut minhabba li huwa l-ewwel hanut li tara kif tidhol fid-Departures Lounge. Hija konfermat li hadd ma gie jfittixha jew jistaqsiha ghal mobile li kien qieghed ghandha. Hija kompliet tghid li ghalkemm zammet it-telphone ghandha hija hasbet li fil-fatt kien gej sidu ghalih minhabba li kienet infurmathom u kien ghal din ir-raguni li ma kinitx ghaddiet il-mobile phone lill-Pulizija u qalet li meta imbaghad tatu lil huha ghamlet hekk minghajr hazen ta' xejn.

Ikkunsidrat:

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputata qeghda tigi akkuzata bir-reat ta' serq aggravat ta' mobile tal-ghamla Nokia E71 bil-valur li ma jeccedix 2329.37 Euro u bil-persuna. Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali fil-kawza "REX vs. WILLIAM LEATHAM" [1.7.1941] (HARDING J. - "Recent Criminal Cases Annotated" p. 33 et seq.) kull min jiehu l-pussess ta' oggett li jsib mitluq taht cirkostanzi li jindikaw li dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u li ma kienx gie abbandunat minn sidu, i.e. li ma jkunx ***res nullius*** jew ***res derelicta*** , ikun hati tar-reat ta' serq. (ara ukoll Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Spiteri [22.10.1902]; "Il-Pulizija vs. Filippo Magri" [6.2.1909]; "Rex vs. Williams" [4.11.1941] u ohrajn).

Illi fil-kaz in ezami l-imputata kienet taf li l-oggett in kwistjoni ma kienx taghha ghaliex ftakret li kien ta' klijent li kien ser jsiefer meta hija kienet xoghol gewwa l-Agenda li jinsab gewwa l-ajruport. Illi mill-provi hareg bic-car li l-imputata zammet l-istess mobile fil-pusess taghha bil-hsieb li jirritorna sidu u troddu lura izda minhabba li ma kienx hemm ebda kuntatt mieghu, dan il-kuntatt ghamlitu hi stess sabiex tghidlu jigi ghalih. Illi dak li qalet l-imputata dwar din it-telefonata gie korroborat minn Dorothy Scicluna li kienet l-istess persuna li rceviet it-telefonata minghand l-imputata fejn minhabba storbju fl-isfond

Scicluna ma fehmitx ezatt min kien qieghed jitkellem maghha. Ghandu jinghad ukoll li mid-dokumenti esebiti gie pruvat li effettivament kienet saret din it-telefonata (ara dokument a fol 39). Illi l-fatti kolha ta' dan il-kaz jindikaw li l-imputata ghamlet kull tentattiv sabiex il-mobile phone jigi rritornat lil sidu u kien biss minhabba malintiz li dan fil-fatt ma ngabarx minn Henry Miceli u l-Qorti jidrilha li l-imputata kienet gustifikata li tahseb jew tasal ghall-konkluzjoni li sid il-mobile phone ma kienx gej ghalih u li ghalhekk dan il-mobile phone gie abbandunat u kien biss f'dan l-istadju li hija iddisponiet minnu billi tatu lil huha. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li jirrizultaw dawk l-elementi rikjesti mill-Ligi sabiex tinstab htija ghar-reat ta' serq aggravat u ghalhekk l-imputata ser tigi dikjarata mhux hatja tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Reat ta' Ricetazzjoni

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima deciza fil-25 ta' Ottubru 2002 dik il-Qorti qalet li:

***"Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-disposiszzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):***

***Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza...Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata***

***in giudicato...[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte...a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena...Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.***

***Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel imputazzjoni – iz-zewg Land Rovers – kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant. Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li Grima kien konsapevoli tal-provenjenza llecita taz-zewg vetturi. Pero` wiehed ma jridx ihallat, kif donnha jidher li ghamlet l-ewwel qorti, l-element materjali ma' l-element formali. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant kien konsapevoli (fis-sens li haseb jew kien jemmen) li l-vetturi kienu "tainted" (per ezempju, minhabba l-prezz baxx li bihom xtrahom), dan ma jezonerax lill-prosekuzzjoni milli tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu effettivament ta' provenjenza illecita kif fuq imfisser."***

Illi fil-kaz de quo rrizulta mill-provi li l-mobile phone ma kienx insteraq jew gie akkwistat minn xi reat izda semplicement thalla hdejn cash register gewwa hanut minn sidu. Illi mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi terza persuna li b'xi mod innegozjat dan il-mobile jew li kienet involuta fis-serq, jew li b'xi mod kien akkwistat b'qerq jew b'xi reat iehor. Illi l-anqas it-tieni(2) imputazzjoni ma tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u ghalhekk l-imputata ser tigi dikjarata mhux hatja tal-istess

imputazzjoni. Ghall-istess ragunijiet l-imputata ma tistghax tinstab hatja tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------